MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tad-29 ta' Lulju, 2004

Numru 802/2002

**Illum 29 ta' Lulju 2004.**

**Il-Pulizija**
(Spettur Edel Mary Camilleri)
**vs**
**Raymond Pace**
**Valentina Pace**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Raymond Pace ta' 45 sena iben Carmelo u Maria Dolores nee' Zammit, imwieled Senglea nhar it-23 t' Awwissu 1956 u residenti fl-indirizz: 'Carlai', Triq Casolani, B'Kara u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 571456M.
U
Valentina Pace ta' 44 sena bint Paul Giordimaina u Emily nee' Sammut imwielda il-Pieta' nhar it-12 ta' Marzu 1957

u residenti gewwa 'Carlai' Triq Casolani, B'Kara u detentrici tal-karta ta' l-identita bin-numru 254457M.

Talli:-

Bejn l-01 ta' Jannar 1999 u l-31 ta' Lulju 2000 f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda; wara li fil-kapacita taghhom ta' Diretturi tas-socjeta "Carlai Print Limited", approprijaw, billi dawwru bi profit ghalihom jew ghal-persuna ohra, is-somma ta' LM 3012.80c migbura mis-Socjeta' bhala dhul f'taxxa dovuta lill-Gvern ta' Malta, li giet fdata jew ikkunnsinnata lilhom that titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat jew minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz tieghu. Dan bi ksur ta' l-artiklu 18, 293, 294, 310(1)a tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali.

Rat li l-akkuzati ma oggezzjonax li l-kaz taghhom jigi ttrattat bi procedura sommarja minn din il-Qorti.

Rat li l-akkuzati fis-seduta ta' llum ammettew l-akkuzi migjuba kontrihom u hekk tennew fil-prezenza ta' l-avukat difensur taghhom wara li l-Qorti fissritilhom xi tfisser ammissjoni.

Issibhom hatja.

Ghalhekk fil-waqt li ssibhom hatja tar-reati that l-artikoli 18, 293, 294 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta hi tal-fehma, stante il-kondotta nadifa ta' l-akkuzati u stante li hallsu is-somma msemmija fl-akkuza (ara x-xhieda moghtija llum minn Joseph Sacco) mhiex ser tapplika l-piena that l-artiklu 310 (1) (a) tal-Kapitlu 9 imma l-artiklu 22 tal-Kapitlu 446.

Ghalhekk fil-waqt li ssibhom hatja tilliberahom that il-provedimenti ta' l-artiklu 22 tal-Kapitlu 446 b'dan li ma

jaghmlux reat iehor fi zmien sitt (6) xhur minn illum. Il-Qorti qed tfisser l-import ta’ din is-sentenza lill-hatja.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------